**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 5.09.10: IT-TLIETA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
Illum billi se jkun hawn quddiesa mxandra fuq ir-Radju RTK mill-parroċċa tagħna se jkun hemm xi tibdil fil-ħin tal-quddies. Għalhekk se jkun hekk: 5.30; 6.30; 7.30; 8.30; 9.30, 10.30a.m. u fil-4.00p.m. Dik li se tkun fuq ir-Radju se tkun fit-8.30a.m.
**Fl-4.00p.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
Illum se jsir il-ġbir ta' Demm fiċ-Ċentru tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-ħin se jkun bejn it-8.00a.m. u s-1.00p.m. Wieħed għandu jieħu miegħu l-karta ta' l-Identita'
**IT-TNEJN, 6.09.10:** Ikun l-Ewwel Tnejn tax-xahar.
**Fis-6.00p.m**. Ikun hemm quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**L-ERBGĦA, 8.09.10: FESTA TAT-TWELID TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA. (Il-Vitorja).**
Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu f'din il-ġurnata għażiża.
Il-quddies illum ikun bħal nhar ta' xogħol pero' se jkun hawn quddiesa oħra fil-11.00a.m.
**IL-ĦADD, 12.09.10: L-ERBGĦA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
**Fil-4.00p.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri tal-knisja.

**Il-ĠABRA** ta' kull xahar għall-festa fit-toroq Marsilja, zona ta' Dun Luqa u Triq Xabbata se jsir minn Jane Bugeja u Margerita Azzoaprdi.

## KORS TA' TĦEJJIJA GĦAŻ-ŻWIEĠ U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA.

Fil-Parroċċa se jibda kors ta' tħejjija għaż-żwieġ u l-Ħajja tal-Familja li se jkun mmexxi minn Dun Renato Borg flimkien ma' koppji mill-Kummissjoni Parrokkjali Familja.
Illum qegħdin nagħtu d-dati minn meta se jibda sa Diċembru, biex wieħed ikun jista jieħu nota tagħhom Id-Dati se jkunu dawn:
25 ta' Settembru; 9 ta' Ottubru; 23 ta' Ottubru ; 6 ta' Novembru; 20 ta' Novembru; 4 ta' Diċembru; 18 ta' Diċembru;
Iktar dettalji jingħataw qabel jibda l-Kors.

## ĠIMGĦA TA' SPIRITWALITA'

Ta kull sena l-parroċċa torganizza l-Ġimgħa ta' Spiritwalita' bi tħejjija għas-Sena Pastorali. Illum se nagħtukom biss id-data ecc. Il-Programm sħiħ jidher fil-Bullettin tal-Ġimgħa ta' qabel
**DATI :** mill-20 ta' Settembru sal-25 ta' Settembru
**POST:** Ħdejn il-Museum
**ĦIN:** Fis-7.30p.m. (wara l-quddiesa ta' filgħaxija)

**HIGH TEA**
Nhar il-Ħamis, 9 ta' Settembru se jiġi organizzat High Tea fid-Dar Parrokkjali. Jibda fis-7.30p.m.

**TMURX IL-QUDDIESA...**
- sempliċement biex tissodisfa l-preċett tal-Ħadd.
- bi drawwa; jew għal wiċċ għan-nies.
- Biex tiltaqa' ma' sħabek.

**IŻDA MUR...**
- għax konvint u temmen fil-preżenza ħajja ta' Ġesu'.
- Biex tiltaqa' ma' Dak li jridlek il-veru ġid.